

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 329/2000

tal-11 Frar 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1238/95 li jistabbilixxi regoli li jimplementaw l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 fir-rigward tal-miżati li għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2100/94 tas-27 Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetà ta' pjanti tal-Komunità([1]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2506/95 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 113 tal-istess,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1238/95 tal-31 Mejju 1995 jistabbilixxi regoli li jimplementaw l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 fir-rigward tal-miżati li għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità([3])

) speċifika l-atti u ċ-ċirkostanzi li għalihom il-miżati għandhom jitħallsu lill-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità, u l-livelli rispettivi ta' dawk il-miżati.

(2) Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità żviluppat b'mod li tikkonkludi illi d-dħul annwali tal-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità bbażat l-aktar fuq il-miżati kif speċifikati bħalissa x'aktarx li fil-futur jeċċedi, fil-prinċipju, l-ispejjeż annwali tal-Uffiċċju.

(3) Barra dan, ebda sussidji mill-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ma ġew inklużi fid-dħul annwali.

(4) Il-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità bagħat abbozz ta' emendi li għandhom x'jaqsmu ma' dik is-sitwazzjoni finanzjarja lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 36(2) it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 2100/94.

(5) Għalhekk tnaqqis fil-livell ta' ċerti miżati li l-applikanti jiġu mitluba jħallsu għal, u detenturi ta' drittijiet ta' varjetà ta' pjanti tal-Komunità issa huwa ġustifikat.

(6) Huwa meħtieġ li jiġi ċarat il-poter li tiġi stabbilita l-miżata amministrattiva għall-kunsinna ta' estratti mir-reġistri tal-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità, li ssir riferenza għalih fl-Artikolu 82(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/95 tal-31 Mejju 1995 li jistabbilixxi regoli li jimplementaw l-applikazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 fir-rigward ta' proċeduri quddiem l-Uffiċċju tal-Varjetà tal-Pjanti tal-Komunità([4]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 448/96([5]).

(7) Sabiex jiġu minimizzati każijiet ta' disputi, id-deskrizzjoni ta' ġenera jew speċi li fuqhom hija bbażata l-kategorizzazzjoni tal-varjetajiet f'waħda mit-tlett gruppi ta' miżati tal-eżami fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1238/95, tirrikjedi preċiżjoni akbar.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1238/95 għandu għalhekk jiġi emendat.

(9) Huwa meħtieġ li jiġu applikati l-miżuri l-ġodda b'effett mill-bidu tas-sena tal-estimi 2000.

(10) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 tas-17 Ġunju 1997 dwar ċerti dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-introduzzjoni tal-euro([6])

) jipprovdi illi kull riferenza għall-ecu tiġi mibdula b'riferenza għall-Ewro.

(11) Il-Kunsill Amministrattiv ġie konsultat, skond l-Artikolu 113(4) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94.

(12) Il-miżuri li hemm provdut dwarhom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Drittijiet ta' Varjetà ta' Pjanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1238/95 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

1. Fl-L-Artikolu 7(1), "1000" għandha tiġi sostitwita b' "900".

2. Fl-Artikolu 8:

- fil-paragrafu 2, "xahar wara" għandha tiġi mħassra, u

- fil-paragrafu 5, "Regoli li jimplementaw" għandha tiġi sostitwita b' "Regolament tal-Proċedimenti".

3. Fl-Artikolu 12:

- fil-paragrafu 1(ċ), "maħruġ mill-Uffiċċju." għandha tiġi sostitwita b' "maħruġ mill-Uffiċċju; u",

- fil-paragrafu 1, is-segwenti għandu jiġi miżjud:

"il-miżata amministrattiva li ssir riferenza għaliha fl-Artikolu 82(2) tar-Regolament tal-Proċedimenti."

- fil-paragrafu 2, "paragrafu 1(b) u (ċ)" għandha tiġi sostitwita b' "paragrafu 1(b), (ċ) u (d)".

4. L-Anness I għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-ANNESS I

Il-miżata għall-eżami li għandha tiġi mħallsa skond l-Artikolu 8 għandha tkun kif ġej:

Grupp A jkopri s-segwenti ġenera jew speċi:

Avena sativa L., *Beta vulgaris* L. ssp. *vulgaris* var. *altissima* Döll, *Beta vulgaris* L. ssp. *vulgaris* var. *crassa* (Alef.) Wittm, *Brassica napus* L., *Glycine max* (L.) Merrill, *Gossypium* L., *Helianthus annuus* L., *Hordeum vulgare* L. sensu lato, *Oryza sativa* L., *Phalaris canariensis* L., *Sorghum bicolor* (L.) Moench, *Sorghum sudanense* (Piper) Stapf., *Sorghum bicolor* (L.) Moench x *Sorghum sudanense* (Piper) Stapf., *Secale cereale* L., *Solanum tuberosum* L., *Triticum aestivum* L. emend. Fiori et Paol., *Triticum durum* Desf., *Triticum spelta* L., X *Triticosecale* Wittm., *Zea mays* L.

Grupp B jkopri:

1. prodotti agricoli (inklużi ħxejjex), minbarra dawk koperti minn Grupp A; u

2. is-segwenti ġenera jew speċi:

Allium cepa L. var. *cepa* L., *Capsicum annum* L., *Cichorium endivia* L., *Citrullus lanatus* (Thunb.) Matsum et. Nakai, *Cucumis melo* L., *Cucumis sativus* L., *Cucurbita pepo* L., *Cucurbita moschata* L. (Duch.) Duch. Ex. Prior, *Cucurbita maxima* Duch., *Lactuca sativa* L., *Lycopersicon lycopersicum* (L.) Karst. ex. Farw., *Phaseolus vulgaris* L., *Pisum sativum* L. (partim), *Solanum melongena* L., *Vicia faba* L. (partim); *Alstroemeria* L., *Anthurium* Schott, *Begonia-Elatior-Hybriden*, *Calibrachoa-Hybriden*, *Chrysanthemum* L., *Dianthus* L., *Euphorbia pulcherrima* Willd. ex Klotzsch, *Fuchsia* L., *Gerbera* L., *Impatiens* L., *Kalanchoe Adans.*, *Lilium* L., *Orchidaceae*, *Pelargonium L'Hérit. ex Ait.*, *Pentas Benth.*, *Petunia Juss.*, *Rhododendron* L., *Rosa* L., *Saintpaulia H. Wendl.*, *Spathiphyllum* Schott.

Grupp Ċ jkopri l-ġenera jew speċi kollha, minbarra dawk koperti minn Grupp A jew Grupp B."

5. L-Anness II għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-ANNESS II

Skond il-bażi tal-gruppi li ssir riferenza għalihom fl-Anness I, il-miżata annwali li għandha tiġi mħallsa skond l-Artikolu 9 għandha tkun kif ġej.(EUR)

Sena Grupp

A B C

1 400 400 300

2000R329

2 600 500 400

3 800 600 500

4 u snin li ġejjin 1 000 700 600

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Għandu japplika għal miżati li jsiru dovuti lill-Uffiċċju fl-1 Jannar 2000 jew wara, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1238/95.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, il-11 Frar 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 227, ta' l-1.9.1994, p. 1.

[2] ĠU L 258, tat-28.10.1995, p. 3.

[3] ĠU L 121, ta' l-1.6.1995, p. 31.

[4] ĠU L 121, ta' l-1.6.1995, p. 37.

[5] ĠU L 62, tat-13.3.1996, p. 3.

[6] ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1.